ĦARĠA 01.08 2026

# BULLETIN

Awtorità dwar il-Mediċini

# AĊĊÙ! ... EVVIVA



***X'jikkawża allerġiji staġjonali?***

L-allerġiji staġjonali jaffettwaw miljuni ta' nies. Dawn iseħħu meta l-ġisem jirreaġixxi għall-pollin li ma jagħmilx ħsara. Is-sintomi jistgħu jixbħu riħ komuni li jdum aktar minn ġimgħa, inkluż għatis, sogħla, imnieħer inixxi jew imblukkat, u għajnejn imdemmgħin. F'każijiet aktar severi, il-pollin jista' jikkawża l-ażma.

***L-allerġiji staġjonali spiss ikunu komuni fil-familji. Jekk il-ġenituri jew ħutek ikollhom allerġiji bħal dawn, għandek iżjed ċans li tiżviluppahom ukoll.***

***Kif nista' innaqqas is-sintomi?***

- Żomm l-attivitajiet fil-beraħ għal tard wara nofsinhar
- Ilbes maskra
- Żomm it-twieqi tiegħek magħluqa meta l-livell tal-pollin jkun għoli
- Ilbes nuċċali biex tgħin iżżomm il-pollin 'l bogħod minn għajnejk
- Ħu doċċa u ibdel ħwejġek wara li tkun barra
- Naddaf lill-annimali domestiċi wara li jkunu ħarġu barra



***Liema mediċini nista' nieħu?***

| | | |
|---|---|---|
| *Għatis*: Spray tal-imnieħer, Antihistamines | *Għajnejn idemmgħu*: Antihistamines | *Ħakk*: Antihistamines, Krema kontra l-ħakk |
| *Imnieħer inixxi jew imblukkat*: Spray tal-imnieħer, Decongestants | *Sogħla*: Mistura għas-sogħla | **NOTA IMPORTANTI** **Qabel tuża xi mediċini ikkonsulta lill-ispiżjar u/jew lit-tabib** |

# Il-mediċini PreP u PEP

***Għalxiex jintużaw?***

Il-PreP u l-PEP huma mediċini li jipprevjenu l-HIV, li huwa virus li jibqa' tul il-ħajja u li jdgħajjef is-sistema immunitarja, u jippromwovi l-iżvilupp ta' infezzjonijiet serji u kanċers.

***Huma disponibbli f'Malta?***

**Iva.** Mill-aħħar ta' Jannar 2026, dawn il-mediċini huma bla ħlas għal kull min seta' kien espost għall-HIV.




***Kif nista' naċċessa dawn il-mediċini?***

Kemm il-PEP kif ukoll il-PreP iridu jiġu preskritti minn tabib. Il-PreP tiġi preskrittha minn speċjalista wara konsultazzjoni. Il-PEP tiġi preskrittha wara konsultazzjoni ta' emerġenza fi sptar.

| **PreP** | **PEP** |
|---|---|
| Pre-espożizzjoni b'riskju għoli li tieħu l-HIV | Wara l-espożizzjoni għall-infezzjoni (possibbli) li tibda fi żmien 72 siegħa |
| Użu fit-tul | Użu ta' emerġenza biss |
| Injezzjoni jew pilloli | Pilloli |

***X'għandi nagħmel jekk kont potenzjalment espost għall-HIV?***

Mur l-emerġenza immedjatament, mhux aktar minn 72 siegħa. L-espożizzjoni tista' sseħħ kif ġej:

1. *Il-kondom tqatta' waqt sess ma' xi ħadd li seta' kellu l-HIV*
2. *Kondiviżjoni ta' labar potenzjalment infettati*
3. *Aggressjoni sesswali*
4. *Kellek sess mhux protett*




**NOTA IMPORTANTI**

**Il-PreP u PEP huma maħsuba biex jipprevjenu l-infezzjoni tal-HIV u ma jintużawx biex jikkuraw l-HIV wara li tkun ġiet ikkonfermata dijanjosi. Individwi li jiġu djanjostikati bl-HIV jeħtieġu approċċ ta' trattament differenti, magħruf bħala HAART.**

Għal aktar informazzjoni żur.

https://sexualhealth.gov.mt/sexual-health-topic/hiv-aids/

***Li jmiss...***

*Fil-ħarġa li jmiss, se nispjegaw terapija oħra tal-HIV imsejħa HAART.*

# Injezzjonijiet tal-Epinephrine




Din l-injezzjoni hija siringa/pinna mimlija li tintuża biex titratta reazzjonijiet allerġiċi severi, ikkawżati minn ikel, mediċini, jew tingiż ta' insetti li jistgħu jwasslu għal konsegwenzi serji.

### *Meta tkun meħtieġha?*

Il-pazjent iġorrha u jużaha bħala rispons rapidu li jsalva l-ħajja waqt reazzjoni ta' emerġenza.

### *Kif nista' naċċessaha?*

Hija preskritta minn tabib, li jispjega wkoll kif għandha tintużha bħala miżura preventiva għal pazjenti b'riskju għoli li jkollhom reazzjoni allerġika severa. Minn Jannar 2026, l-NHS qed jipprovdi 2 injezzjonijiet ta' epinephrine lil pazjenti intitolati mingħajr ħlas. Dawn l-injezzjonijiet għandhom effett immedjat (rapidu), u jgħinu biex jiġġieldu malajr reazzjonijiet allerġiċi severi u jipprevjenu li s-sintomi jiggravaw.

Li jkollok 2 injezzjonijiet huwa importanti għas-sigurtà, peress li waħda sservi bħala backup (riżerva) f'każ li l-ewwel doża ma tirnexxix.

# X'inhu l-paracetamol?

Il-paracetamol huwa mediċina li tintuża biex tnaqqas l-uġigħ u d-deni.

### *Kif nista' naċċessah?*

Huwa disponibbli fl-ispiżeriji bħala pilloli, mistura, suppożitorji, u ħafna tipi oħra. Jista' jinxtara kemm mingħajr riċetta kif ukoll b'riċetta.






### *Huwa sigur għat-tfal?*

**Iva.** Hemm tipi speċifiċi għat-tfal. Ikkonsulta tabib u/jew spiżjar qabel ma tagħti paracetamol lit-tfal peress li d-dożaġġ tagħhom huwa differenti.

### *Huwa sigur għat-tqala u t-treddigħ?*

M'hemm l-ebda evidenza li turi li l-użu tal-paracetamol waqt it-tqala jew it-treddigħ iżid ir-riskju ta' awtiżmu, ADHD, jew diżabilità intellettwali fit-tfal.

**NOTA IMPORTANTI**

**Taqbiżx id-doża massima ta' 4g kuljum ta' paracetamol għall-adulti. Ikkonsulta ma' spiżjar/tabib biex tikkonferma d-doża t-tajba għalik biex tevita effetti sekondarji serji.**

# Mediċini: Rappurtar ta' effetti sekondarji




Effett sekondarju huwa effett mhux mixtieq li jseħħ meta tieħu mediċina jew trattament.

### *Għaliex tirrapporta?*

L-informazzjoni li tipprovdi tgħin lill-Awtorità tevalwa jekk l-effett sekondarju jistax ikun relatat mal-mediċina. Ir-rapport tiegħek jgħin lill-Awtorità żżomm il-mediċini aktar siguri għal kulħadd. Mhuwiex dejjem possibbli li jiġu identifikati effetti sekondarji rari qabel ma mediċina tkun disponibbli fis-suq.

### *Min jista' jirrapporta u kif?*

Kulħadd jista' jirrapporta reazzjoni suspettata.

Jekk tesperjenza effett sekondarju li mhux miktub fil-fuljett, irrappurtah lill-ispiżjar/tabib, jew imla l-formola fuq il-websajt tal-MMA billi tiskennja l-kodiċi QR u ssegwi l-istruzzjonijiet għall-pazjenti u l-konsumaturi.





### *X'nista' nirrapporta?*

Ir-rapporti jistgħu jsiru biss għal mediċini. Il-kożmetiċi u vitamini ma jaqgħux taħt din il-kategorija.

**NOTA IMPORTANTI**

**Jekk m'intix ċert jekk tirrapportax effett sekondarju, tista' tikkuntattja lit-tabib/spiżjar tiegħek, jew kwalunkwe professjonist fil-qasam tal-kura tas-saħħa li jista' jiggwidak u jgħinek.**

### *Li jmiss...*

*Fil-ħarġa li jmiss, se nispjegaw kif tirrapporta inċident relatat mal-użu ta' apparat mediku.*

# GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI...

## Ikkuntattjana

*+356 23439000*

*Malta Medicines Authority, Sir Temi Zammit Buildings, Malta Life Sciences Park, San Gwann SGN 3000, Malta*

*https://medicinesauthority.gov.mt*

*info.medicinesauthority@gov.mt / communication.medicinesauthority@gov.mt*

*Rappurtar ta' effetti sekondarji*
**postlicensing.medicinesauthority@gov.mt**

*Nuqqas ta' mediċini*
**miau.medicinesauthority@gov.mt**

*Mistoqsijiet dwar spiżeriji*
**pharmacies.medicinesauthority@gov.mt**

*Mistoqsijiet dwar apparat aediku*
**devices.medicinesauthority@gov.mt**

*Mistoqsijiet dwar il-kannabis għal skopijiet ta' riċerka u mediċinali*
**cannabis.medicinesauthority@gov.mt**

*Rapport tad-difetti tal-prodott*
**https://medicinesauthority.gov.mt/form-details?surID=39&cat=3**

*Informazzjoni dwar korsijiet edukattivi tal-Akkademja*
**academy.medicinesauthority@gov.mt**

*Viġilanza dwar Apparati Mediku u rappurtar ta' inċidenti*
**mdvigilance.medicinesauthority@gov.mt**

## Il-Midja Soċjali tagħna